

Sommarju eżekuttiv tar-Rapport Ġenerali 2017



Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà

Din il-pubblikazzjoni hija intiża biss għal skopijiet ta' informazzjoni u mhux neċessarjament tirrappreżenta l-opinjoni uffiċjali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi mhijiex responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.

Numru freephone (*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(*). Ċerti operaturi tat-telefonija mobbli ma jippermettux aċċess għan-numri 00 800 jew dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas.

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (<http://europa.eu>).

Data tal-katalgu tista' tinstab fi tmiem din il-pubblikazzjoni.

Sommarju Eżekuttiv tar-Rapport Ġenerali 2017

Referenza: ECHA-18-B-06-MT

ISBN: 978-92-9020-537-1

Numru tal-kat.: ED-AR-18-001-MT-N

DOI: 10.2823/49289

ISSN: 2467-3048

Data tal-pubblikazzjoni: April 2018

Lingwa: MT

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2018

Qoxra © Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew kummenti fir-rigward ta' dan id-dokument, jekk jogħġbok ibgħathom (ikkwota r-referenza u d-data tal-ħruġ) billi tuża l-formola ta' talba għal informazzjoni. Tista' taċċessa l-formola ta' talba għal informazzjoni permezz tal-paġna ta' Kuntatt tal-ECHA f': <http://echa.europa.eu/contact>

Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Indirizz postali: P.O. Box 400, FI-00121 Helsinki, Finland

Indirizz għaż-żjarat: Annankatu 18, Helsinki, il-Finlandja

L-ECHA f'numri

17687

sustanzi rreġistrati fid-dejtabejż tagħna

181

sustanza ta' tħassib serju ħafna fil-lista ta' kandidati

6.5 miljun notifika ta' klassifikazzjoni u t-tikkettar

għal >135000

sustanza

9000

tweġiba tal-uffiċċju ta' informazzjoni lill-kumpaniji

10030

żjara minn viżitaturi esterni

510000

żjara lill-paġni web ta' REACH 2018 sa minn Ottubru 2014

baġit annwali ta' EUR **109** miljuni

Sommarju eżekuttiv

F'sena dinamika oħra, l-ECHA għalqet ir-raba' sena tal-Programm ta' Ħidma Pluriennali tagħha u skeda ta' ħames snin għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi strateġiċi tagħha. Filwaqt li riesqa lejn l-iskadenza ta' reġistrazzjoni ta' REACH tal-31 ta' Mejju 2018, b'xogħol preparatorju konsiderevoli u b'appoġġ għal reġistranti ta' sustanzi kimiċi ta' volum iżgħar, l-Istrateġija Regulatorja Integrata laħqet il-maturità u l-Bord tat-Tmexxija tal-ECHA għażel Direttur Eżekuttiv ġdid fl-10 sena tal-operazzjonijiet tiegħu.

L-ECHA ppjanat id-direzzjonijiet strateġiċi mmirati lejn l-ilħuq tal-impenji legali tal-UE (REACH, CLP, BPR, PIC) kif ukoll l-għanijiet internazzjonali, inkluż dawk li sar qbil fuqhom fis-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (WSSD) għall-2020 u wara dan. Dan ipprova l-bażi għall-Aġenzija sabiex tagħmel progress lejn id-definizzjoni tal-pjan strateġiku ġdid tagħha għall-2019 sal-2021.

Fl-organizzazzjoni kollha, l-Aġenzija għamlet progress imprezzabbli fil-livell operattiv, li wassal għal riżultati tanġibbli sabiex jġu ssodisfati l-erba' oġġettivi strateġiċi l-aktar importanti tal-ECHA (ara l-kaxxa).

Titjib ulterjuri fil-proċess ta' reġistrazzjoni tas-sustanzi kimiċi, li varja minn għodod tal-IT aħjar u aktar sempliċi għal komunikazzjoni aktar ċara u aktar b'saħħitha, għen lil aktar u aktar kumpaniji, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), biex jippreparaw għall-iskadenza ta' REACH.

L-implimentazzjoni tal-istrateġija regulatorja integrata tal-ECHA avvanzat aktar u għenet biex issir enfasi fuq l-isforzi u r-riżorsi sabiex jinħoloq l-aħjar impatt. L-interkonnessjoni bejn il-proċessi ta' REACH flimkien ma' eżerċizzju ta' skrinjar komuni fost l-Istati Membri tiżgura li l-awtoritajiet jidentifikaw u jsegwu sustanzi xierqa ta' tħassib possibbli. L-Aġenzija tejbet ukoll għodod tekniċi ssimplifikati li jintużaw biex tħaddem il-proċessi tagħha.

Kisbiet ewlenin fl-2017

Operazzjonijiet

- Appoġġ intensifikat għall-operaturi qabel l-iskadenza ta' reġistrazzjoni tal-2018; biżżejjed riżorsi biex tiġi mmaniġġjata l-milja mistennija ta' 60 000 preżentazzjoni.
- L-introduzzjoni tas-servizzi cloud għall-għodda ta' preżentazzjoni IUCLID, li tgħin lill-operaturi tal-SME jippreparaw id-dossiers online – m'hemmx bżonn li jitniżżel softwer, sigurtà tad-data aħjar, u benefiċċji oħrajn.
- Għodda tal-kontroll tal-kompletezza mtejba sabiex ittejjeb il-kwalità tad-data bil-quddiem.
- Progress fil-kisba ta' informazzjoni dwar karatteristiċi ewlenin tas-sustanza kimika, inkluż perikli possibbli u livell oġġla ta' konformità meħtieġ biex jintwera użu sigur – b'aktar enfasi fuq gruppi ta' sustanzi u kollaborazzjoni mal-operaturi.
- Parir aktar immirat lill-utenti downstream dwar l-użu sigur abbażi ta' mapep għall-użu settorjali u xenarji ta' esponiment ġeneriċi.
- Appoġġ lill-Istati Membri li jippermettilhom jiffukaw fuq sustanzi li potenzjalment jagħmlu l-ħsara lill-ħaddiema, lill-konsumaturi u lill-ambjent.
- Aktar promozzjoni tas-sostituzzjoni biż-żieda ta' seba' sustanzi ġodda ta' tħassib serju ħafna (SVHCs) fil-lista ta' kandidati għall-awtorizzazzjoni, u rakkomandazzjonijiet ta' prijorità lill-Kummissjoni Ewropea.
- Opinjonijiet dwar ir-restrizzjoni tal-ftalati minħabba l-effett tagħhom fuq il-fertilità tal-bniedem, u dwar ċomb fil-balel biex jitnaqqsu l-imwiet tal-għasafar fl-artijiet mistagħdra.
- 58 opinjoni konklużi dwar applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni.
- Opinjoni xjentifika dwar il-klassifikazzjoni ta' periklu tal-erbiċida glifosat.
- L-ewwel żewġ opinjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni tal-bijoċidi, li jħejju t-triq għal aċċess għas-suq tal-UE.

OBJETTIVI STRATEĠIĊI

- 1 Tiġi mmassimizzata d-disponibbiltà ta' informazzjoni ta' kwalità għolja sabiex tippermetti l-manifattura u l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi
- 2 Jiġu mmobilizzati l-awtoritajiet biex jużaw l-informazzjoni b'mod intelliġenti sabiex jiġu identifikati u indirizzati s-sustanzi kimiċi ta' tħassib
- 3 Indirizzar tal-isfidi xjentifiċi billi jservu bħala ċentru għall-bini ta' kapaċità xjentifika u regolatorja tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u atturi oħrajn
- 4 Jitħaddnu l-kompiti leġiżlattivi attwali u ġodda b'mod effiċjenti u effettiv, filwaqt li jkun hemm adattament għal-limitazzjonijiet ta' riżorsi li ġejjin

- Interfaċċi tal-IT imtejba li bihom l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jaċċessaw id-data tal-ECHA – viżibilità aħjar dwar xogħol regolatorju li jsir dwar sustanza jew grupp ta' sustanzi.
- Awtomazzjoni akbar fis-sistemi tal-IT li twassal għal livelli ogħla ta' integrità, standardizzazzjoni, integrazzjoni u aċċessibilità tad-data.

Governanza

- Opinjonijiet xjentifiċi robusti u effiċjenza akbar tax-xogħol tal-kumitat xjentifiku tal-ECHA.
- Skedi ta' data ta' sigurtà mtejba bħala parti minn azzjoni miftiehma għal infurzar aħjar bejn il-Forum tal-ECHA u organizzazzjonijiet tal-partijiet kkonċernati akkreditati (ASOs).
- Il-Bord tal-Appell ipprova kjarifika dwar mistoqsijiet legali u regolatorji dwar in-nanomaterjali u l-interazzjoni bejn REACH u r-Regolament dwar il-Kożmetiċi, kif ukoll id-drittijiet tal-utenti downstream.
- L-ECHA laqgħet Direttur Eżekuttiv ġdid u tat ħarsa lejn 10 snin ta' ħidma.
- L-Aġenzija kkonkludiet il-proġett dwar is-sejba ta' bini ġdid u ffirmat il-ftehim ta' kiri minħabba li se timxi għal post ġdid kif skedat fl-2020.



Is-sodisfazzjon ta' objettivi strateġiċi – riżultati tal-2017

L-ECHA ddefinixxiet l-erba' objettivi strateġiċi tagħha fil-Programm ta' Ħidma Pluriennali (MAWP, 2014-2018) li ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija fis-26 ta' Settembru 2013. Kull sena, l-ECHA tirrapporta dwar il-progress li jkun sar biex jiġu ssodisfati dawn l-objettivi. Ir-riżultati għall-2017 huma ppreżentati hawn taħt.

Objettiv 1. Il-massimizzazzjoni tad-disponibbiltà ta' data ta' kwalità għolja biex tippermetti l-manifattura u l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi

L-Aġenzija tkejjel il-progress fuq l-ewwel objettiv strateġiku (SO1) bl-erba' indikaturi li ġew introdotti fl-2014. Dawn l-indikaturi jkopru partijiet differenti tad-dossier ta' reġistrazzjoni u aspetti varji tal-kwalità: nuqqasijiet fl-identifikazzjoni ta' sustanzi; inkonsistenzi fl-użu rrapportat tas-sustanzi rreġistrati bħala intermedji; il-livell ta' nuqqas ta' konformità mal-klassifikazzjoni armonizzata; u defiċjenzi identifikati fid-data dwar perikli fiżikokimiċi, ambjentali u għas-saħħa tal-bniedem. Dawn l-indikaturi mhumiex kejl dirett ta' konformità tal-informazzjoni per se, iżda huma kejl ta' ċerti anomaliji jew inkonsistenzi identifikati fid-data pprovduta mir-reġistranti ta' REACH, li jiġu kkontrollati waqt skrinjar awtomatizzat. Kull riżultat jesprimi l-perċentwal ta' dossiers li jgħaddu b'suċċess mill-iskrinjar.

Sa mit-tnedija f'nofs l-2016 ta' ġenerazzjoni ġdida ta' għodod ta' reġistrazzjoni (IUCLID 6 u REACH-IT) u t-titjib tal-proċess tal-kontroll tal-kompletezza, il-kwalità tal-informazzjoni ta' reġistrazzjoni tjiebet fid-dossiers ġodda u aġġornati kollha. Dan kellu impatt dirett fuq il-kwalità globali tad-dejtabejż ta' reġistrazzjoni peress li l-kalkolu tal-erba' indikaturi huwa parzjalment ibbażat fuq il-perċentwal ta' dossiers ippreżentati bħala jew ġodda jew aġġornamenti.

Kwalità globali – livell ta' konsistenza u sinifikanza fl-informazzjoni ppreżentata

Meta mqabbel mal-2016, ġie osservat titjib fl-oqsma tal-identifikazzjoni ta' sustanzi (+6%), informazzjoni dwar il-perikli (+6%), konsistenza fl-użu mal-istatus intermedju (+2%) u +1 % tad-dossiers konformi mal-klassifikazzjoni armonizzata.

F'termini ta' identifikazzjoni ta' sustanzi, 77 % tal-kważi 62500 dossier għaddew mill-iskrinjar fl-2017. L-indikatur dwar l-użu kompatibbli mas-sustanzi rreġistrati bħala intermedji huwa 94 % għad-dossiers intermedji kollha (-12 000). L-indikatur tal-informazzjoni dwar il-perikli huwa sa 46 % għad-dossiers ta' reġistrazzjoni prinċipali u individwali kollha (-9 500), filwaqt li l-indikatur dwar il-konformità mal-klassifikazzjoni armonizzata laħaq 97 %. Dawn ix-xejriet pożittivi juru b'mod ċar li l-istrateġija sabiex tiżdied il-kwalità tad-data, jitjiebu l-għodod, il-proċessi u l-komunikazzjoni, u għal kontrolli tal-kompletezza mtejbja qiegħda trendi l-benefiċċji.

Objettiv 2. Il-mobilizzazzjoni tal-awtoritajiet biex jużaw id-data b'mod intelliġenti sabiex jidentifikaw u jindirizzaw sustanzi kimiċi ta' tħassib

Is-SO2 tal-ECHA jitlob l-użu intelliġenti ta' data ta' REACH u tal-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ (CLP) biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet ikunu jistgħu f'ħin f'waqt u b'mod effiċjenti jindirizzaw is-sustanzi tal-ogħla tħassib. Għal dan il-għan, l-ECHA timplimenta approċċi ta' skrinjar komuni għall-proċessi kollha ta' REACH u CLP, inkluż valutazzjoni, sabiex tidentifika s-sustanzi u l-użu li huma l-aktar importanti u li għalihom għandha tinbada azzjoni potenzjalment regolatorja. Fl-aħħar mill-aħħar, dawn il-proċessi għandhom ukoll jippermettu l-identifikazzjoni ta' sustanzi li m'għandhomx prijorità jew li għandhom prijorità baxxa għal azzjoni regolatorja ulterjuri.

Madwar 69 % tal-101 sustanza (individwali jew parti minn grupp) li ġew skrinjati mill-Istati Membri fl-2017 instabu li kienu jeħtieġu azzjonijiet ta' segwitu ulterjuri. 32 sustanza oħra, imqasmin f'ħames gruppi, għadhom qed jistennew ir-riżultat tal-iskrinjar peress li dawn huma parti minn proġetti pilota ta' approċċ kollaborattiv (COLLA). Sa mis-sena li għaddiet, l-iskrinjar manwali issa jkopri gruppi ta' sustanzi: madwar 77 % minnhom jeħtieġu azzjonijiet ta' segwitu ulterjuri filwaqt li 60 % biss tas-sustanzi individwali jeħtieġu dan. Dan jidher li jikkonferma x-xejra identifikata fir-rapport ta' progress annwali tal-2016 dwar il-Pjan Direzzjonali 1 tas-SVHC li qed isir dejjem aktar diffiċli biex jinstabu sustanzi uniċi għal azzjoni regolatorja ulterjuri u juri l-benefiċċju ta' meta wieħed jimxi lejn l-indirizzar ta' gruppi ta' sustanzi relatati. It-22 Stat Membru u l-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) li pparteċipaw fl-iskrinjar manwali fl-2017 jikkonferma l-interess konsiderevoli kontinwu tagħhom f'din l-attività.

Xorta għadu kmieni wisq biex jinsiltu xi konklużjonijiet dwar xerjiet u effettività fir-rigward tal-valutazzjoni tas-sustanza peress li l-proċess għadu mhux komplut għal ħafna mis-sustanzi. Sa mill-2012, l-Istati Membri vvalutaw 221 sustanza u kkonkludew 74 (30.4%). Fi 43 % tal-każijiet konklużi, l-evalwaturi identifikaw ħtieġa għal immaniġġjar tar-riskji regolatorju ulterjuri. Dan il-perċentwal mistenni jiżdied fis-snin li ġejjin, peress li ser isir proporzjon ogħla tal-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni ladarba t-talbiet għal informazzjoni ulterjuri jkunu ġew issodisfati. F'termini ta' valutazzjoni ta' segwitu, mill-221 sustanza li ġew i-valutati, 35 % qed jistennew li tiġi ppreżentata l-informazzjoni mir-reġistranti, 7 % għaddejjin minn valutazzjoni ta' segwitu attwali tad-data li diġà għet ippreżentata, u 1 % qegħdin fl-istadju ta' thejġija tal-konklużjoni. Il-bqija jinsabu fil-fażi tat-teħid ta' deċiżjoni.

B'mod globali, taħt il-valutazzjoni tas-sustanza, l-ECHA talbet informazzjoni dwar 98 sustanza. Ir-reġistranti appellaw 18 mid-deċiżjonijiet tal-ECHA. Inqas Stati Membri wettqu valutazzjonijiet tas-sustanza fl-2017 milli fl-2016 (naqsu minn 20 għal 15) prinċipalment minħabba d-diffikultà li jiġu inklużi sustanzi xierqa fuq il-pjan ta' azzjoni rikorrenti Komunitarju (CoRAP) u n-numru ta' każijiet li għadhom pendenti.

Mill-2016, 13-il Stat Membru ppreżentaw proposti għal miżuri tal-immaniġġjar regolatorju tar-riskji skont REACH jew CLP.

Ħames Stati Membri ppreżentaw proposti għal miżuri tal-immaniġġjar tar-riskji regolatorju skont REACH. Il-livell kemm il-konklużjonijiet tal-analiżi ta' għażliet għall-immaniġġjar tar-riskji (RMOA) ġew segwiti żdied għal 94 %, b'mod partikolari għal identifikazzjoni jew restrizzjonijiet ta' SVHC. Barra minn hekk, erba' konklużjonijiet dwar il-ħtieġa li jiġu żviluppjati proposti ta' klassifikazzjoni u tikkettar armonizzati (CLH) jindikaw ukoll xejra pożittiva. Finalment, tnejn mit-tliet konklużjonijiet bl-ebda segwitu ġew ippreżentati bħal RMOA, li jista' jispjega għala l-proposta CLH għadha ma ġietx ippreżentata.

Ix-xejra tikkonferma li ħafna mill-konklużjonijiet tar-RMOA issa jirċievu segwitu iżda l-Istati Membri għandhom bżonn żmien biżżejjed biex jibdlu l-konklużjonijiet tagħhom fi proposti għal immaniġġjar tar-riskji regolatorju.

Objettiv 3.

L-indirizzar tal-isfidi xjentifiċi billi sservi bħala ċentru għall-bini ta' kapaċità xjentifika u regolatorja tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u atturi oħra

Dan l-objettiv jimmira biex jiżgura li x-xogħol regolatorju tal-ECHA jiġi bbażat fuq l-aħħar għarfien xjentifiku. L-attivitajiet jiffukaw fuq l-implimentazzjoni tal-istrateġija tax-xjenza regolatorja tal-ECHA, fuq il-bini ta' kapaċità, u fuq il-ħidma bħala ċentru tax-xjenza regolatorja.

Fi ħdan din l-istrateġija tax-xjenza regolatorja, l-Aġenzija introduċiet ċiklu ta' governanza ġdid biex tiżgura li l-proġetti tax-xjenza kollha jaqgħu taħt waħda mit-temi ta' interess u li r-riżultati tagħhom iżidu l-valur fil-proċessi regolatorji. Dwar l-analiżi soċjoekonomika, l-ECHA nediet attività ta' riċerka kollaborattiva mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi(OECD) dwar il-valutazzjoni tal-impatti fuq is-saħħa tal-bniedem tal-esponiment għas-sustanzi kimiċi.

It-tielet rapport statutorju dwar l-użu ta' alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali (l-Artikolu 117(3) REACH) ġie ppubblikat f'Ġunju. Barra minn hekk, l-ECHA wettqet studju, mitlub mill-Bord tat-Tmexxija, dwar l-applikabbiltà regolatorja ta' approċċi mhux fuq l-annimali skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi; ir-rapport li rriżulta ġie ppubblikat f'Novembru.

L-ECHA awditjat il-proċess tal-immappjar tal-kompetenzi – li ġie applikat għall-ewwel darba fl-2015 – fid-dawl tas-sejbiet tal-awditu tagħha tal-2017 u sejra tirrevedi l-proċess fl-2018 fid-dawl tas-sejbiet tal-awditu. Ingħata taħriġ annwali għall-ispetturi lil grupp ta' ħarrieġa tal-infurzar nazzjonali (ara taqsima "Forum" għad-dettalji).


Sa mill-pubblikazzjoni tat-tieni rapport dwar l-operazzjoni ta' REACH u CLP (l-Artikolu 117(2) REACH) fl-2016, l-ECHA integrat l-impenji li saru fir-rapport fid-dokumenti ta' programmazzjoni tagħha, sabiex il-progress ikun jista' jiġi mmonitorjat skont iċ-ċiklu annwali tas-soltu. Il-partijiet ikkonċernati li ġew mistħarrġa fl-2017 tipikament taw rispons pożittiv (tal-inqas 80 % għal kull mistoqsija) dwar l-appoġġ xjentifiku u tekniku tal-ECHA għall-proċessi fil-komitati regolatorji u fil-gruppi ta' ħidma (WGs).

Objettiv 4. It-tħaddin tal-kompiti leġiżlattivi attwali u ġodda b'mod effiċjenti u b'mod effettiv, filwaqt li jkun hemm adattament għal limiti li ġejjin fuq ir-riżorsi

L-ECHA tuża d-“Deċiżjonijiet u opinjonijiet ekwivalenti” bħala punteġġ għall-kejl tar-raba' objettiv strateġiku u sabiex tinkorpora valur fuq l-effiċjenza. Dan huwa bbażat fuq bosta varjabbli li jiddividu n-numru tad-deċiżjonijiet peżati totali tal-ECHA bil-kapaċità massima tal-persunal annwali. Fl-2017, għal darb'oħra, l-ECHA wriet li tista' tipproduċi aktar output bi proporzjonalment inqas riżorsi, b'hekk tindika żieda fl-effiċjenza globali tagħha.

Tabilħaqq, l-output tal-Aġenzija kiber aktar malajr mir-riżorsi tal-persunal matul is-snin, li huwa indikazzjoni tajba tal-effiċjenza. Ir-riżultati għall-2017 – is-sena qabel l-iskadenza ta' reġistrazzjoni importanti fl-2018 – juru tendenza simili għal dawk tal-2012, sena qabel l-ewwel skadenza ta' reġistrazzjoni ta' REACH. Kemm fl-2012 kif ukoll fl-2017, l-ECHA pproċessat numru konsiderevolment oġġla ta' deċiżjonijiet meta mqabbel man-numru totali ta' persunal. B'dan ir-riżultat, l-Aġenzija turi ppjanar u użu tajjeb tar-riżorsi disponibbli u ġodda fl-oqsma ta' prijorità li fihom huma kkonċentrat l-milji tax-xogħol temporanju.

FIGURA 1: Punteġġ ta' effiċjenza annwali – xejra pluriennali



- Total weighted decisions
- Total staff
- Decisions equivalent (No of weighted decisions/opinions divided by the maximum annual staff capacity)

METODU GĦAL “DEĊIŻJONIJIET U OPINJONIJIET EKWIVALENTI”

Id-deċiżjonijiet ippeżati totali jirrappreżentaw in-numru ta’ deċiżjonijiet u opinjonijiet prodotti f’sena partikolari, filwaqt li jikkunsidraw il-proċess kollu sakemm tinħareġ deċiżjoni/opinjoni u ppeżata kontra ż-żmien meħtieġ sabiex jiġi pproċessat każ medju. Il-kapaċità massima tal-persunal annwali tinkludi kemm persunal operattiv kif ukoll ta’ appoġġ flimkien ma’ konsulenti u persunal interim operattiv preżenti matul is-sena kollha. Il-korrelazzjoni bejn l-output ippeżat tal-Aġenzija u l-kapaċità tal-persunal annwali tagħti indikazzjoni ta’ xejra ta’ effiċjenza matul is-snin, jiġifieri il-produzzjoni ta’ aktar/inqas outputs ippeżati bl-istess jew proporzjonalment inqas riżorsi.

Punteġġ ta’ effiċjenza annwali f’numri

Tabella 1: Punteġġ ta’ effiċjenza annwali

XEJRA TAL-INDIĊI	2014	2015	2016	2017
DEĊIŻJONIJIET IPPEŻATI TOTALI	25 873	25 240	25 516	29 543
PERSUNAL TOTALI	621	597	587	629
Deċiżjonijiet ekwivalenti (Nru ta’ deċiżjonijiet/ opinjoni ippeżati diviżi bil-kapaċità massima tal-persunal annwali)	55.6	56.4	57.9	62.6

Tabella 2: Xejriet fil-punteġġ ta’ effiċjenza bejn l-2014 u l-2017

% tal-bidla f’DEĊIŻJONIJIET IPPEŻATI TOTALI	-2 %	1 %	16 %
% tal-bidla fil-PERSUNAL TOTALI	-4 %	-1.70 %	7.2 %
% tal-bidla f’Deċiżjonijiet ekwivalenti	1.5 %	2.8 %	8.1 %

aġenzija ewropea għas-sustanzi kimiċi
annankatu 18, kaxxa postali 400,
fi-00121 helsinki, il-finlandja
echa.europa.eu